# IL-BAGĦAL TA' L-GĦOLLIQ

*Raymond Galea*

Mawra sal-Buskett u wasla sa Wied il-Luq speċjalment fir-Rebbiegħa, żgur ilaqqgħuna ma' għanja qawwija iżda qasira ġejja minn qalb il-qasab jew l-għolliq li hemm fl-istess wied. Din l-għanja hija l-għanja karatteristika ta' għasfur ċkejken imsejjaħ il-Bagħal ta' l-Għolliq li jkun qiegħed jgħasses it-territorju tiegħu.

Il-Bagħal ta' l-Għolliq huwa wieħed mill-ftit għasafar li jbejtu fil-gżejjer Maltin u li nsibuh magħna s-sena kollha. Dan l-għasfur m'huwiex komuni, bħall-Bagħal ta' l-Imrewħa jew bħall-Bufula s-Sewda, iżda xi ftit pari għadna nsibuhom f'postijiet fejn il-vegetazzjoni hija xi ftit folta, l-aktar fil-widien fejn jikber l-għolliq u l-qasab. Huwa minhabba f'hekk li dan l-għasfur jissejjaħ Bagħal ta' l-Għolliq.

Huwa faċli ħafna biex tisma' lil dan l-għasfur jgħanni, iżda xi ftit diffiċli biex tarah. Dan għaliex iħobb iżomm ruħu mistur qalb il-ħaxix u s-siġar. Biex wieħed josserva l-Bagħal ta' l-Għolliq l-aħjar ħaġa li wieħed jista' jagħmel hija li joqgħod mistoħbi xi ftit 'il bogħod minn fejn ikun ġej l-għajjat u joqgħod attent għal xi moviment jew ċaqliq qalb il-ħaxix. Postijiet tajba fejn wieħed jista' jisma' u forsi josserva lil dan l-għasfur huma l-Wied tal-Girgenti, Wied il-Luq, il-Wied ta' Binġemma u widien oħra bħalhom. Barra mill-widien ġieli jinstab ukoll f'postijiet bħas-Simar fix-Xemxija u kultant ukoll fir-Riserva ta' l-Għadira. Il-Wied tal-Lunzjata, tax-Xlendi u dak tar-Ramla l-Ħamra huma tliet postjiet fejn dan l-għasfur ibejjet fil-gżira ta' Għawdex.

Il-Bagħal ta' l-Għolliq (15ċm) ma għandux xi kuluri li jolqtu l-għajn għax iħobb iżomm mistoħbi. Il-mara u r-raġel ma jintgħarfux minn xulxin għax huma ta' l-istess lewn. Iżda bi ftit esperjenza hu possibbli li tagħrafhom mid-daqs għax il-mara tkun iżgħar mir-raġel. M'hemmx għalfejn ngħidu, jekk l-għasfur ikun qiegħed jgħanni, l-għajta qawwija bla dubju ta' xejn tkun dik tar-raġel. Il-kulur ta' dan l-għasfur huwa kannella ħamrani min-naħa ta' fuq u bajdani minn taħt. Għandu strixxa bajda 'l fuq mill-għajn. Id-denb ġej fit-tond u għandu biss għaxar rixiet, filwaqt li l-għasafar iż-żgħar għandhom tnax. Il-ġwienaħ huma qosra u ġejjin fit-tond.

Dan l-għasfur huwa poligamu, jiġifieri jkollu aktar minn mara waħda fit-territorju tiegħu. Jibda jaħseb biex jibni l-bejta tiegħu għal April. Din

▶

*IL-BAGĦAL TA' L-GĦOLLIQ – jibni l-bejta tiegħu qalb il-friegħi ta' l-għolliq. Il-bajda li tbid il-mara huwa ta' kulur aħmar fil-kannella.*

R. Galea



tinbena qalb il-frieghi ta' l-gholliq, ġeneralment taħt xi siġra kbira fil-widien, għalkemm ġieli nsibu bejtiet fil-qasab, fil-liedna u f'xi pjanti oħrajn. Minn barra, il-bejta tkun magħmula mill-weraq tal-qasab u minn ħaxix ieħor niexef u minn ġewwa tinkesa b'ħuxlief irqiq u bir-rix. Huwa xi ftit diffiċli biex issib il-bejta ta' dan l-għasfur għax tkun moħbija sew. Wara li tibni l-bejta, il-mara tbid minn żewġ bajdiet sa ħamsa, ta' kulur aħmar kannella. Tieħu ħsieb ukoll issaħħan il-bajd, li jfaqqas wara xi sittax-il ġurnata. Meta jfaqqas, l-omm erħilha ġejja u sejra ġġibilhom x'jieklu. L-ikel jikkonsisti l-aktar f'dud, ġurati, brimb, u xi insetti oħra li ssib qalb il-ħaxix. F'dan iż-żmien ir-raġel jgħasses it-territorju tiegħu u joqgħod attent li ma jidħollux xi raġel ieħor.

Il-frieħ itajru wara xi erbatax-il ġurnata u l-omm tibqa' tieħu ħsiebhom għal madwar xi tliet ġimgħat oħra. Dan l-għasfur ibejjet darbtejn fis-sena bejn April u Lulju.

Wieħed mill-għedewwa ta' dan l-għasfur huwa l-ġurdien. F'postijiet bħal Wied il-Luq hemm ħafna ġrieden. Dawn jieklu l-frieħ fil-bejta b'dannu kbir għal dan l-ispeċi li, kif diga' għedna, ma tantx huwa komuni, anzi huwa lokalizzat ferm. Għadu ieħor huwa l-bniedem. Meta bit-traskuraġni jinħaraq xi wied, ħafna mill-ħlejjaq li jkunu jinsabu fih jinqerdu wkoll u magħhom jinqered anke l-Bagħal ta' l-Għolliq li jkollu l-bejta qalb il-veġetazzjoni.

Dan l-għasfur jinstema' s-sena kollha ħlief f'perijodu żgħir bejn Lulju u Awwissu meta jkun qiegħed ibiddel ir-rix. F'dan iż-żmien il-frieħ jibdew jinfirxu u jista' jinstab f'postijiet oħra anke fejn ma jkunx hemm għolliq.

Qabel l-1967, dan l-għasfur kien intlemaħ darbtejn biss ġewwa pajjiżna, darba f'April ta' l-1901 u darba f'Wied Żnuber fil-21 ta' Settembru 1951. Dan beda jistabbilixxi ruħu fis-sebgħinijiet għalkemm xi bdiewa fil-Girgenti kienu ilhom xi snin jisimgħuh. L-ewwel bejta bil-frieħ instabet fl-14 ta' Mejju ta' l-1973 f'Wied il-Luq għalkemm xi snin qabel kienu ġew osservati frieħ li kienu għadhom kif tajru, mal-ġenituri tagħhom. Minn dak iż-żmien sal-lum żdied u nfirex f'diversi postijiet oħra, iżda ma nistgħux ngħidu li dan l-għasfur huwa komuni.

Dan l-għasfur insibuh l-aktar fil-pajjiżi tal-Mediterran għalkemm xi pari jbejtu wkoll f'xi postijiet oħra fl-Ewropa, fosthom l-Ingilterra. Fil-Lvant jinstab ibejjet sar-Russja.

Kemm dan l-għasfur kif ukoll il-Bagħal ta' l-Imrewħa, stabbilixxew ruħhom fil-gżejjer tagħna f'dawn l-aħħar 30 sena. Dan forsi jpatti xi ftit għall-qerda taċ-Ċawla, tal-Bies u tal-Barbaġann li wkoll kienu jbejtu komuni f'pajjiżna iżda sfortunatament inqerdu minn dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar.

❑